**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 6 ta' Ottubru 2020**

Rikors Numru: 175/20 AL

A B C D E

vs

F G

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet fil-kawża de quo żżewġu nhar id-29 ta' Novembru, tas-sena 1991 (vide ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat Dok A);

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal u ċioe' H E u I E (Vide ċertifikati tat-twelid annessi u mmarkati Dok B u C rispettivament);

3. Illi l-partijiet ilhom separati legalment, sa' mill-10 t' April 2012 (vide kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat Dok D), u ċioe' iktar minn erba' snin;

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabtier ma' persuni oħrajn;

5. Illi l-partijiet ma jivversaw l-ebda manteniment fil-konfront ta' xulxin;

6. Illi l-partijiet m'għandhom l-ebda propjeta' in komuni;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ u/jew id-divorzju bejn il-partijiet skont l-Artikolu 66 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili);

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet sabiex jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata F G per permezz tagħha ddikjarat :

1. Illi l-esponenti tikkonferma illi l-partijiet fil-kawza *de quo* ilhom separati permezz ta' separazzjoni personali mill-10 ta' April 2012 u għaldaqstant jissodisfaw ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Illi m'għad fadal l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;
3. Illi ulied tal-kontendenti qiegħdin jingħataw il-manteniment kif regolat mill-kuntratt ta' separazzjoni personali;
4. Illi għaldaqstant, l-esponenti taqbel mat-talbiet attriċi kif dedotti fir-rikors promotur, dment illi kull parti tħallas l-ispejjez tagħha ta' dina l-proċedura.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta’ Gunju, 2020;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati sa mill-10 ta’ April, tas-sena 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.